# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru wieħed (1) tal-2011 tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 6 ta' Jannar, 2011, fil-5:30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |
| | Dorianne Zammit | Assistent Principal |
| SKUŻAT: | Francis Callus | Kunsillier |

1. Is-Sindku presjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. Is-Sindku issospenda l-laqgħa sabiex jidħol is-Sur Saviour Spiteri. Is-Sur Spiteri spjega fil-qasir it-tip ta' attivitajiet li torganizza l-banda Big Friends. Il-Kunsill ftiehem mas-Sur Saviour sabiex din il-banda idoqq fil-ġimgħa ta' Jum Ħal Safi bla ħlas. Bħala rikonoxximent, il-Kunsill ser jagħti lill-membri ta' din il-banda permess li juża l-ground tal-football b'ħlas ridott għal sagħtejn fix-xahar.

**Interviews għal-ħatra ta' Assistent Prinċipal**

4. Matul il-ġimgħat preċedenti, is-SE analizza l-kandidati li bgħatu l-kurrikulu tagħhom lil kunsill sabiex japplikaw għal kariga ta' Assistent Prinċipal mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi. Dawn ġew *short listed* abbażi ta' l-esperjenza u l-kwalifiki mitluba. Il-Kunsill għamel l-interviews lil kandidati magħżula nhar it-Tlieta 4 ta' Jannar. Matul din il-laqgħa, il-kandidati magħżula ġew diskussi u *short listed* għat-tieni interview.

5. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-SE jitlob lid-dipartiment jestendi l-kuntratti ta' impjieg tiegħu, li skada fil-31 ta' Diċembru 2010, b'xahar sakemm jitlestew l-interviews u jinħatar l-Assistent Prinċipal.

**Punti mill-Minuti**

6. Is-SE rrimarka li għamel kuntatt mal-Youth Section ta' l-MFA rigward l-estensjoni ta' l-*age group* ta' Safi Youth Nursey minn Under-14 sa Under-17, hekk kif ġie miftiehem fil-laqgħa preċedenti.

7. Is-Sindku kkonferma li qiegħed f'kuntatt mal-Perit tal-Kunsill sabiex jagħmel *traffic management plan* għad-dħul tal-vetturi f'Ħal Safi minn Triq l-Ibraġ qabel mat-triq il-ġdida tal-Karwija tinfetaħ. Il-Perit ser jippreżenta it-*traffic management plan* lill Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.

8. Dorianne Zammit ikkonfermat li talbet tlett stimi minn kumpaniji privati sabiex il-Kunsill jixtri sistema ta' CCTV u tiġi nstallata fejn il-bring-in-sites fi Triq ta' Ġawhar kif ukoll tiġi installata *camera* addizzjonali fuq il-latrina pubblika ta' ħdejn il-Kunsill. Dorianne Zammit ikkonfermat li sa illum il-Kunsill irċieva stima waħda. Din tammonta għal €2,400.

9. Il-Kunsill irċieva diversi ilmenti mir-residenti fuq hmieg tal-klieb fuq il-bankini li mhux jinġabar mill-kennies. Għaldaqstant, is-Sindku ser jikkuntattja lil kuntrattur sabiex jiġbidlu l-attenzjoni f'dan ir-rigward.

10. Dwar l-asfaltar li ngħata madwar il-Ġnien t' Amparell, is-Sindku kkonferma li d-Direttur tal-Public Works talab li tinfetaħ inkjesta sabiex tiġi investigata l-kwantita ta' asfaltar li ntuża għaliex l-ammont kif imkejjel mil-Perit tal-Kunsill ma jaqbilx ma l-ammont imniżżel fuq id-delivery chits. Is-Sindku rimarka wkoll li ħafna minn dawn ic-chits mhux ittimbrati u għalhekk il-Kunsill ma jistax jikkunsidrahom bħala validi.

11. Is-Sindku ikkonferma li l-Kunsill ingħatatlu l-kopja taċ-ċwievet ta' l-uffiċċju tad-Day Care Centre.

12. Is-SE ikkonferma li għamel kuntatt mas-Sur Omar Schembri, il-Head Coach ta' Safi Youth Nursery sabiex jinformah dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-sponsorship ta' sett futbol kits għan-Nursery.

**Korrispondenza**

13. Il-Kunsill irċieva ittra mil-ADT dwar applikazzjoni ta' *reserved parking*. Is-SE staqsa lil-Kunsilliera xi dettalji dwar l-applikant sabiex tkun tista tintmela u tintbagħat din l-applikazzjoni.

14. Il-Kunsill irċieva *objection letter* mingħand l-avukat tas-Sur Ludvic Ghigo. F'din l-ittra is-Sur Ghigo għamel oġġezzjoni fuq il-punti li ngħataw lilu waqt l-aġġudikazzjoni tat-tender tal-ġbir ta' l-iskart domestiku. Is-SE ikkonferma li kopja ta din l-ittra intbagħtet lil-board ta' l-aġġudikazzjoni.

15. Il-Kunsill irċieva ittra minn Transpot Malta. F'din l-ittra il-Kunsill ingħata permess li jwaħħal tabella ta' no-entry u bollard fi Triq Dun Ġużepp Caruana kantuniera ma' Triq Santa Marija u Triq Dun Guzepp Caruana issir one-way (except for residents). Il-Kunsilliera ma ħadux deċizjoni f'dan ir-rigward.

16. Il-Kunsill irċieva żewġ ittri, waħda minn kull farmaċija f'Ħal Safi. Iż-żewġ farmaċiji offrew servizzi ta' testijiet bla ħlas lil-anzjani tar-raħal. Dawn it-testijiet jistgħu isiru fil-bini muniċipali tal-Kunsill waqt id-day care centre jew fil-farmaċija rispettiva tagħhom. Il-Kunsill qabel li jipreparaw kamra u meta din tkun lesta il-Kunsill jikkuntatja l-farmaċiji għal iżjed dettalji.

**Ħwejjeġ Oħra**

17. Eddie Bonello rimarka li l-*spleeping police* f'triq ta' l-Ajzar għada ma ġietx irranġata kif miftiehem fil-laqgħa preċedenti u b'hekk għad hemm il-periklu. Is-Sindku assigura li ser jieħu l-passi neċessarji sabiex din titranġa fl-inqas żmien possibbli.

18. Publius Abdilla ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex ikun iżjed viġilanti rigward il-ħlas għas-servizz tal-bulky refuse. Dan għaliex persuna li iċċempel lil Kunsill sabiex tagħmel użu minn dan is-servizz tkun tista tamalgama żewġ oġġetti flimkien u b'hekk il-Kunsill jħallas ta' ġbir ta' oġġett wieħed u mhux tnejn.

19. Publius Abdilla fakkar lis-SE sabiex fix-xhur li ġejjin il-Kunsill jlesti l-ippubblikar tal-Village Trail.

20. Is-Sindku rrimarka li resident minn Ħal Safi għamel kuntatt miegħu rigward l-avviz li l-Kunsill ġab fil-fuljett sabiex jikri garage ta' erbgħa karozzi. Din il-persuna offriet il-garage tagħha fi Triq ta' L-Ajżar li jesa ħames karozzi għal prezz ta' €1,165 fis-sena. Il-Kunsilliera qablu li dan il-prezz huwa wieħed raġonevoli u b'hekk qablu unanimament li jinkera dan il-garage wara li jiġi terminat il-kera tal-garage preżenti.

21. Is-Sindku ppropona u l-kunsilliera approvaw pagament ta' €120 sabiex issir xatba ta' l-injam mal-ħajt ta' l-għalqa li tagħmel parti mill-proġett ta' *traffic management* fi Triq San Ġwann kantuniera ma' Triq San Pawl.

22. Is-Sindku ippropona u l-kunsilliera qablu li l-laqgħa pubblika issir nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar, 2011.

23. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jerġa jdaħħal is-servizz tal-ħlas tal-kontijiet tat-telefon tal-Go plc. Il-Kunsilliera qablu li dan is-servizz jerġa jibda jingħata lil pubbliku kemm il-darba l-Go tiggarantixxi bil-miktub li l-problemi li kellu il-Kunsill b'dan is-servizz jiġu rrangati.

24. **Il-Payment Approval** Sheets No. 1 u 2 ġew approvati.

25. Il-laqgħa ntemmet fid-9:30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar, 2011.

Approvati llum 27/01/2011

Sindku                                                                 Segretarju Eżekuttiv